18 ta' Frar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Angelo Garnisi *versus* Giovanni Camilleri (*)

**Atti Ġudizzjarji — Nullità — Board tal-Kera — Proċedura.**

*Il-liġi ma tiffavorixxix in-nullitajiet.*

*Il-proċedura quddiem il-Board tal-Kera mhix solenni, imma sommarja, fejn is-sejħa lill-intimat biex jirrispondi għat-talba hija suffiċjenti.*

*Rikors magħmul quddiem il-Board tal-Kera, fejn ma hux indikat l-isem ta' min għamel il-proċedura, imma firmat minn ħadd ieħor, ma hux null, jekk b'dan kollu l-intimat kien jaf min kien li għamel il-kawża u ħa parti fil-proċediment mingħajr ma ssolleva n-nuqqas ta' l-indikazzjoni ta' l-isem tal-persuna li qiegħda taġixxi kontra tiegħu b'dak ir-rikors.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa, billi fid-29 ta' Jannar 1947 il-konvenut ottjena quddiem il-Board li jirregola l-Kera sentenza kontra tiegħu, u bis-saħħa ta' din is-sentenza hu ġie kundannat li jiżgombra mid-dar numru 5 Triq San Rokku, iż-Żurrieq (dok. A); u billi dik is-sentenza ġiet nullament ottenuta għaliex ġiet mogħtija fuq talba magħmula minn persuna li mhix il-konvenut (dok. B); jiġi dikjarat u deċiż minn din l-Onorabbli Qorti illi s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fid-29 ta' Jannar 1947, fl-ismijiet "Giovanni Camilleri vs. Angelo Garnisi", fuq rikors nru. 1238 ta' l-1946, hija nulla u ta' ebda siwi legali, għaliex mogħtija favur

(*) Konfermata fl-Appell, 4. 6. 1948.

il-konvenut *mingħajr* ma tidher mill-atti ebda talba tiegħu għall-otteniment ta' dik is-sentenza. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-partijiet jaqblu li l-avukat tal-konvenut, meta għamel ir-rikors quddiem il-Board tal-Kera sabiex jieħu taħt idejh il-fond imsemmi minn għand l-attur odjern, iffirma dak ir-rikors bla ma semma l-isem tar-rikorrent. B'dana kollu l-konvenut deher quddiem l-istess Board u *sostna bil-ġurament it-talba tiegħu; u mill-banda l-*oħra, l-attur tal-lum, konvenut f'dik il-proċedura, għamel l-oppożizzjoni li kellu jagħmel u ħarrek xhieda biex isostni l-pont tiegħu b'rikors minnu intestat fl-okkju regolarment bħal li kieku ma kien hemm xejn anormali. Fil-fatt l-attur tal-lum baqa' sokkombenti, u ġie lilu impost it-terminu sabiex joħroġ mill-post; u meta dak it-terminu kien sejjer jiskadi talab għal darba darbtejn prorogi, li ġew lilu akkordati, sakemm wasallu l-aħħar terminu biex jiżgombra; u sabiex jevita l-iżgumbrament *għamel quddiem dak il-Board rikors biex jannulla* l-proċedura kollha, u dak l-istess Board iddikjara ruħu inkompetenti, u in konsegwenza ressaq it-talba tan-nullità quddiem dina l-Qorti biċ-ċitazzjoni odjerna;

Illi l-attur odjern ma ġieb xejn 'il quddiem f'din il-kawża sabiex jattakka s-sentenza tal-Board dwar li l-istess ma hix sostanzjalment ġusta, jew l-għaliex lilu ġiet denegata ġustizzja b'infrazzjoni tal-prinċipji naturali, jew li dak il-Board aġixxa "ultra vires"; imma biss qiegħed isostni li b'dik l-ommissjoni li *tikkostitwixxi, skond il-fehma tiegħu,* nullità, *kull* ma sar wara kien null u ma għandux ikollu ebda effett legali;

Tikkunsidra;

Illi qabel xejn jingħad li l-liġi "per sè" ma tiffavorixxix in-nullitajiet, u li l-proċedura quddiem il-Board tal-Kera mhix proċedura solenni, imma biss sommarja. Mhux ta' min jinsa wkoll illi fil-proċeduri sommarji s-sejħa lill-konvenut biex jirrispondi għat-talba hija suffiċjenti. L-isem ta' min jagħmel is-sejħa huwa neċessarju sabiex il-konvenut ikun jaf minn min ġie ingunt jew imħarrek, ħalli jkun jista' jkun jaf ma' min sejra tiġi dibattuta l-kwistjoni;

Illi l-liġi, fl-art. 26 tal-Kap. 109 ta' l-Edizzjoni Riveduta, tgħid x'għandu jikkontjeni r-rikors li jrid jiġi preżentat minn sid il-kera għall-iskop: hemm imsemmija quddiem il-Board tal-Kera. u tagħmel riferenza għall-formoli. Fl-art. 28 imbagħad, ta' l-istess liġi, jingħad li ma hemmx nullità jekk f'dak ir-rikors jiġu użati formoli oħra differenti minn dawk indikati fl-iskeda, basta li dik il-formola differenti tkun tikkomprendi l-informazzjonijiet imsemmija fis-sezzjoni 26 ta' l-istess liġi. Kwalunkwe emenda tar-rikors tista' ssir fi kwalunkwe żmien, bil-permess tal-Board, sabiex it-talba tkun aktar ċara. Fl-art. 35 (2) jingħad ukoll illi r-rikors għandu jkun iffirmat mill-parti nnifisha jew minn ħabib;

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet kombinati flimkien, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, jidher li meta l-liġi, fl-artikolu 28, tissanzjona bin-nullità r-rikors li ma jkunx jikkontjeni l-informazzjonijiet indikati fl-art. 26, u l-Board jista' jammetti l-emenda tiegħu sabiex ikun aktar ċar, fi kwalunkwe żmien, skond l-art. 28 (2), l-istess leġislatur ried li nifhmu li dik issanzjoni tkun tikkonċerni l-informazzjonijiet rigwardanti t-talba. u ċioè l-"causa petendi" u dawk l-informazzjonijiet l-oħra hemm indikati skond il-formola li tkun applikabili għat-talba, imma mhux dwar min jiffirma r-rikors, li skond l-art. 35 *seta' jiġi ffirmat* mill-parti nnifisha jew minn ħabib. Del resto l-istess kliem tal-formola fil-prima persuna juru li t-talba — iffirmata minn min tkun iffirmata — għandha ssemmi dak kollu konness mal-jedd ta' l-istess talba mill-persuna li tagħmilha, u minn dawk il-jeddijiet jidher li ma tkunx ħlief magħmula minn sid il-post, jew għal sid il-post, kif manifestament jista' *jidher* minnha stess, u kif seta' jkun jaf l-attur tal-lum meta ġie notifikat biha. Kien ikun divers kieku dik l-iskrittura ma kienetx iffirmata minn ebda persuna, l-għaliex allura n-nullità kienet tkun assoluta;

Illi del resto, in sostanza d-domanda ta' min iffirma r-rikors hija t-talba ta' sid il-kera, la dana jista' jagħmilha b'rikors iffirmat minn ħabib tiegħu. Ma għandux jintnesa li l-proċedura quddiem il-Board tal-Kera hija ta' natura sommarja, u mhux solenni. Imma apparti dan kollu, il-liġi, fl-art. 33 ta' l-istess liġi, tobliga lill-partijiet jidhru jew personalment, jew jagħmlu dehra b'ħadd ieħor, jew ikunu assistiti

minn ħabib; u meta jidħru personalment, anki assistiti bħal fil-każ in dżamina, mhux aktar possibili li jingħad li l-kontropartijiet ma tkunx taf ma' min għandha l-kawża. Kieku l-konvenut ma jkunx jaf min huwa l-attur li ġiebu b'kawża l-Qorti, huwa wisq naturali li l-ewwel ħaġa li jagħmel ma' l-ewwel dehra hija li jistaqsi min hija l-persuna li tkun ħarrkitu; u jekk dina l-mistoqsija minnu ma ssirx, dan juri li huwa jkun jaf, jew huwa kien ippreżuma, min huwa l-leġittimu kontradittur tiegħu;

Illi kwindi, jekk huwa minnu li r-rikors tal-Board tal-Kera jista' jiġi ffirmat minn ħabib tal-persuna li tkun trid tressaq it-talba, u jekk huwa minnu wkoll li l-informazzjonijiet kolpiti min-nullità tal-liġi, jekk ma jiġux mill-Board rimedjati, jikkonċernu biss l-informazzjonijiet tat-talba u dawk magħha konnessi biss, il-fatt li dak il-ħabib ma semmiex li kien qiegħed jirrikorri għall-konvenut tal-lum — mexxej ta' dik it-talba quddiem il-Board tal-Kera — ma jikkostitwix nullità espressa tal-vjolazzjoni ta' forma stabbilita mil-liġi, u bħala tali, jekk hemm nullità, għandu jkollu setgħa l-art. 792 (1) (c) u (2) tal-Proċedura Ċivili;

Illi ma hemmx bżonn jingħad li kien ikun wisq aħjar kieku l-avukat li ffirma dak ir-rikors tal-Board qal li kien qiegħed jiffirma għal Giovanni Camilleri, bħal ma jagħmlu ħafna, għalkemm din il-Qorti rat rikorsi fejn ma hemmx dik il-kwalifika u baqgħu mexjin, jew, jekk ma jagħmilx dik il-kwalifika, għamel fir-ras tar-rikors l-okkju — dak li fil-każ in eżami ma sarx; imma, kif intqal fuq, il-kliem fil-prima persuna tar-rikors, l-indikazzjoni tal-fond, l-isem ta' l-attur odjern bħala kerrej, il-kawża tat-talba, u l-menzjoni tal-kera u ta' meta l-istess żmien tal-lokazzjoni kien jagħlaq, il-fatt li l-konvenut tal-lum deher personalment, assistit mill-avukat li ffirma r-rikors bla ma ġiet mogħtija ebda eċċezzjoni fiż-żmien opportun, u meta deher xehed, kien assoġġettat għall-kontroeżami mill-attur tal-lum, il-fatt li dan l-aħħar imsemmi ħarrek xhieda "in difesa" fuq rikors fejn huwa għamel l-okkju tal-kawża wara l-ewwel dehra, subixxa l-kundanna u ma appellax minnha, lanqas irritratta, jekk qatt kellu dritt, il-kawża, ħa diversi proroghi taż-żmien lilu impost biex joħroġ; kollox juri proċediment ulterjuri u attijiet suċċessivi għall-om-

missjoni, u fl-istess ħin, se maj, akkwijexxenza, li jirrendu l-lum inammissibili n-nullità minnu addotta, "si et quatenus" l-istess, taħt iċ-ċirkustanzi legali u materjali li ntqalu fl-inkwadrar tal-proċedura sommarja tal-Board, hija nullità. Lanqas jista' jingħad li dik il-mankanza kienet kawża ta' preġudizzju lill-attur odjern, l-għaliex l-effett tas-sentenza ma kienx dovut għaliha, iżda għal kawżali addotta li l-attur tal-lum kellu aġiu jiddiskuti quddiem l-istess Board;

Illi kwindi d-domanda attriċi mhix sostenibili;

Illi dwar l-ispejjeż jingħad li l-meritu jissuġġerixxi temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi. L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-reġistru għall-attur.